# Il-Ħuttafa

numru 124

Settembru - Ottubru 2014




€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf


Aron Tanti

Kif jidħol Ottubru l-kampanja Maltija timtela bl-għana tal-pitirrossi.

# Ħbieb Ħuttaf...

**editorjal**

Ftit ilu smajt fuq l-aħbarijiet li f'Malta mhux se jitħallew iktar jidħlu ċirki bl-annimali. Kont se nċapċap bil-ferħ, imma fil-pront smajt ukoll li se jibdew jitħallew jinfetħu żuwijiet tal-annimali. Flok inċapċap bdejt inħabbat rasi mal-ħajt!

X'inhu dal-ġenn biex inżommu l-annimali maqfulin? Kif ma jifhmux li annimal f'gaġġa huwa annimal imdejjaq? Jew ma jimpurtahomx?

Iż-żuwijiet huma drawwa antika li ilha teżisti minn meta n-nies kienu anke jixtru u jbigħu nies oħrajn bħala skjavi. Illum fid-dinja kollha huwa kontra l-liġi żżomm nies skjavi. Imma l-liġi ma tgħoddx għall-annimali. Għalhekk għadhom jeżistu ż-żuwijiet.

Sa ftit żmien ilu jien kont niftaħar li f'Malta m'hawnx żuwijiet (ħlief wieħed bid-dniefel). Issa f'daqqa waħda qed ifaqqsu kullimkien – fis-Salina, f'Ħal-Luqa, fl-Imtaħleb, fil-Qawra. Tigri, iljuni, lemuri, ħut, tajr, xadini u salt annimali oħrajn. Ilkoll maqfulin f'gaġeġ, vaski u btieħi żgħar.

Biex iħajru n-nies iżuru, iż-żuwijiet jippruvaw ibellgħuha li huma postijiet edukattivi. Temmnuhomx ħbieb. Min irid jitgħallem fuq l-annimali ma jmurx iż-żu imma jmur fil-kampanja, fejn l-annimali jgħixu fl-ambjent naturali tagħhom. Veru li fil-kampanja Maltija mhux ħa naraw xadini jitbandlu fis-siġar imma għall-inqas l-annimali li naraw ikunu qed jgħixu kif suppost: ħielsa u mhux skjavi.


Victor Falzon

Ħbieb Ħuttaf, jekk veru tħobbu l-annimali żżurux żuwijiet. Minflok, morru piknik mal-familja. Sibu roqgħa ħaxix, ifirxu xugaman u mteddu żaqqkom 'l isfel fuq il-ħaxix, xommu l-fjuri, missu l-weraq, ħudu ritratti tal-insetti. Imbagħad duru wiċċkom 'il fuq, u filwaqt li tisimgħu dak il-buċaqq tax-xitwa jċaqċaq l-għajta tiegħu, oqogħdu immaġinaw is-sħab jifforma uċuh u draguni fis-sema.

*Victor*

**Victor Falzon**
L-Editur

## Mal-faċċata



**Il-Farfett tal-Bużbież** (Swallowtail Butterfly) huwa wieħed mill-ikbar friefet Maltin. Kulħadd donnu jaf bih u għandu diversi ismijiet, fosthom Farfett tal-Fejġel, Farfett tar-Reġina u Farfett tal-Lira. L-ispeċi ta' Malta hija ftit differenti minn ta' pajjiżi oħra.

Ritratt ta' Victor Falzon



## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Ambjenti u Residenti | 4-5 |
| Attività | 6 |
| L-Ispanjulett | 6 |
| Intervista ma' Ħarrubu | 6 |
| Dinja fil-ħamrija | 7 |
| Arti u Ittri | 8 |
| Tielgħa t-tempra | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Iċ-ċita tal-insetti | 9 |
| Għajn Barrani | 10-11 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €10 fis-sena.

BirdLife MALTA

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052


©BirdLife Malta, Ottubru 2014

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Il-ħerba terġa' tibda.






















Dil-ħarifa għexieren ta' eluf ta' għasafar tal-għana ħa jinsterqu mill-kampanja Maltija. Dan għaliex ħafna rġiel u ġuvintur reġa' għandhom permess biex jerġgħu jibdew jaqbdu l-għasafar mis-selvaġġ. Il-vizzju tal-insib reġa' tqajjem.

Din hija ħaġa ta' mistħija għal pajjiż li suppost qed jimxi 'l quddiem fil-ħarsien u l-apprezzament tal-għasafar. Imma flok 'il quddiem qed nerġgħu mmorru lura għall-vizzji tal-passat. L-insib għall-għasafar tal-għana kien inqata' fl-2009 u l-vizzju kien beda jonqos ġmielu. Imma issa reġa' nfetaħ, u iktar minn 4500 nassaba reġgħu bdew jagħmlu ħerba mill-għasafar. Qed jagħmlu ħerba wkoll minn ħafna nħawi ta' xagħri, għax biex jarmaw il-post fejn jifirxu x-xbiek spiss jaqilgħu, jaħarqu jew jordmu l-pjanti tax-xagħri, anke f'Siti Natura 2000.

**Fl-Unjoni Ewropea huwa kontra l-liġi li taqbad l-għasafar tal-għana.**

# Bilħaqq! Dawk il-flus infaqniehom!

Jekk tiftakru, fil-Mixja Maratona ta' Marzu li għadda konna ġbarna xi €1100. B'dawk il-flus issa xtrajna **50 tromba**. Dawn ħa jużawhom studenti waqt żjarat fir-riservi naturali tal-Għadira, Is-Simar u postijiet oħrajn. Fir-ritratt tal-lemin jidhru ftit mit-trombi qed jippużaw f'ħoġor tat-tieqa fiċ-ċentru żjarat tal-Għadira. Ir-ritratt ta' taħt juri studenti mill-iskola primarja ta' San Lawrenz (Għawdex) qed iżanżnu t-trombi. Donnhom raw xi ħaġa interessanti!


Victor Falzon


Victor Falzon

Victor Falzon



Victor Falzon

**Il-wiżgħa tal-kampanja** ikbar minn dik li naraw fid-djar. Spiss tixxemmex fuq zkuk ħoxnin ta' siġar kbar.



Victor Falzon

**Il-liedna** tixxeblek mal-ħitan u mas-siġar. Fix-xitwa l-għasafar jagħmlu festa mill-frott tagħha.



Aron Tanti

**Il-bufula tal-għollieq** hija għasfur żgħir tas-siġar. Ma tarahiex malajr imma tinduna biha mill-għajta qawwija.



Desirée Falzon

**Iż-żnuber** hija siġra b'weraq aħdar ċar qisu labar. Iż-żerriegħa taż-żnuber iddum tliet snin biex issir ġol-prinjola.



Victor Falzon

Il-**brimba kbira tal-widien** hija waħda mill-ikbar brimb ta' Malta. Tagħmel għanqbuta kbira u sabiħa.

Ambjenti u Residenti

# Bosk

Desirée Falzon



Aron Tanti

Fil-ħarifa u x-xitwa l-għana tal-**pitirross** tisimgħu kullimkien, imma speċjalment fejn hemm is-siġar.



Victor Falzon

Taħt is-siġar fil-bosk spiss jikber l-**għollieq**, arbuxxell folt u jniggeż ħafna. Għasafar bħall-Bufula tal-Għollieq ibejtu fih biex ħadd ma jmissilhom il-bejta.



Aron Tanti

Il-**kuċċarda** hija tajra kbira tal-priża li tgħix fil-boskijiet. Kull sena tpassi f'numri kbar, u eluf jgħaddu minn fuq Malta.



Il-**baħrija tal-ballut** tħobb postijiet fejn tikber il-Liedna għax ix-xagħat tagħha jiekol il-weraq ta' dil-pjanta. Jgħidulha 'tal-ballut' għax il-fosdqa tkun qisha ġandra (*acorn*).

Il-**bosk** mhux ħabitat komuni f'Malta. Is-siġar li kienu jikbru fil-gżejjer tagħna fl-antik kważi kollha spiċċaw meta l-bniedem beda jaqtagħhom għall-bżonnijiet tiegħu. Il-ħabitat tal-bosk jiddependi mis-siġar, u l-annimali u l-pjanti l-oħra kollha għandhom bżonn dawn is-siġar. Il-boskijiet li għandna llum huma kollha mħawlin, bħall-Buskett li jidher f'dar-ritratt. Mill-bosk oriġinali Malti baqa' biss xi rqajja' żgħar ta' siġar tal-ballut fl-Imġiebaħ, fil-Wardija u f'Wied Ħażrun.

# Piknik fil-Foresta

Issa li n-natura reġgħet qamet mir-raqda tas-sajf, ħa mmorru passiġġata u piknik għall-kwiet ta' Foresta 2000, post sabiħ, kollu siġar, beraħ u veduti. Ejjew gawdu magħna n-natura u l-għasafar tax-xitwa.

Data **Is-Sibt 6 Diċembru 2014**
Ħin **2pm–4.30pm**
Niltaqgħu **Quddiem ir-riserva tal-Għadira**

Merħba
**Membri u l-familja**

## X'nista' nara tgħid?

Jason Aloisio

### Spanjulett

Common Kestrel — *Falco tinnunculus*





Victor Falzon

Dan is-seqer żgħir huwa komuni fi żmien il-passa, u xi waħdiet jidhru anke fix-xitwa. Fih daqs ħamiema, imma minħabba t-tul u l-wisa' tal-ġwienaħ u d-denb, jidher akbar meta jkun qiegħed itir. Ir-raġel u l-mara għandhom ilwien differenti, u l-mara tkun ftit akbar mir-raġel.

L-Ispanjulett jikkaċċja l-aktar annimali żgħar bħal ġrieden u gremxul u adatta sew għall-ħajja qrib il-bniedem. Meta jkun qiegħed ifittex x'jiekol, jissaqqar 'il fuq mill-art fl-istess post billi jferfer il-ġwienaħ b'ħeffa kbira. Kapaċi jżomm fl-istess post anke meta jkun riħ qawwi, mingħajr ma jiċċaqqlaq xejn. Imbagħad, meta jilmaħ xi ħaġa li tgħodd għalih, jinżel għaliha b'ħeffa kbira. Kultant xi par Spanjulett jirnexxielu wkoll ibejjet f'pajjiżna, ġeneralment f'Għawdex.

Il-fjuri tal-ħarrub nisa jkunu differenti sew mill-fjuri tal-ħarrub irġiel. Fil-ħarifa n-naħal li jkun żar il-fjuri rġiel iżur ukoll il-fjuri nisa u xi polin li jkollhom ma' ġisimhom jeħel ma' dawn il-ħafna qishom bananiet żgħar bojod. Ftit ftit dawn jibdew isiru frott. Għal nofs Awwissu tas-sena d-dieħla jkunu lesti biex in-nanna tagħmilhom ġulepp!




Alex Casha

## Intervista ma' fjura




Victor Falzon

**Bonġu Ħarruba.**
Ħarrubu, jekk jogħġbok.

**Ħarrubu! Ħarruba! Mhux xorta?**
Le ħijjos. Jaqaw għalik xorta?

**Le, imma l-pjanti jkunu rġiel u nisa fl-istess ħin, mhux hekk?**
Ħafna pjanti iva, imma mhux kollha. Aħna l-ħarrub le.

**Allura kif tagħraf ħarrubu minn ħarruba?**
Mill-fjuri tagħna, u bħalissa tajjeb għax qegħdin bil-fjuri.

**Dawk il-bukketti xniexel sofor huma l-fjuri tiegħek?**
Iva, il-fjuri tal-ħarrub irġiel ikunu blalen żgħar sofor mimlijin polin. U nagħmlu riħa speċjali.

**Iva, qed inxommhom fil-fatt. U l-fjuri tal-ħarrub nisa kif ikunu?**
Ikun qishom għenieqed tal-banana żgħar u bojod.

Ara r-ritratt.

**Tajjeb! Nikber u nitgħallem...**
Int għadek żgħir, ara jien għandi iktar minn mitejn sena.

**Waww, u fik siġra vera sabiħa. Anke n-naħal ġie jgawdi d-dell.**
In-naħal mhux għad-dell ġie imma għall-polin mill-fjuri tiegħi. L-għasel mill-fjuri tal-ħarrub jgħidu li tajjeb ħafna.

**Tajjeb veru, għax doqtu. Ħabib Ħarrubu, grazzi tal-ħin tiegħek. Saħħa lilek, tkun 'l hawn għaddi.**

# Dinja fil-Ħamrija

Meta nitkellmu fuq ħabitati spiss insemmu foresti, deżerti, muntanji, il-baħar u postijiet oħra li aħna l-bnedmin naraw u nistgħu nżuru. Spiss ninsew ħabitat ieħor importanti, moħbi, mudlam u umdu: **il-ħamrija**! Meta nimxu fil-ġnien ftit nagħtu każ li taħt saqajna hemm dinja sħiħa ta' annimali – uħud jieklu ħaxix, oħrajn huma predaturi – li jiddependu mill-ħamrija. Kollha huma żgħar, kultant trid mikroskopju biex tarahom. Hawnhekk niltaqgħu ma' sebgħa minnhom.


Katarina Għolli Denbek
Devil's Coach-horse
Aron Tanti


Ħanex
Earthworm

Jekk tmorru skola primarja, dawn l-annimali kollha tiltaqgħu magħhom jekk tagħmlu l-Attività **Minibeast Magic** ta' Dinja Waħda.




Nemla
Ant
Victor Falzon

Dawn l-annimali mhux biss jiddependu mill-ħamrija imma jgħinuha żżomm b'saħħitha. Ħafna minnhom jieklu l-pjanti u jgħinu s-sustanzi jerġgħu lura fil-ħamrija, in-nemel u l-ħanex jagħmlu l-kompost billi jidfnu materjal taħt l-art, u flimkien max-xini jħaffru mini u passaġġi li minnhom tidħol l-arja fil-ħamrija. Il-Katarina u xi predaturi oħra jieklu annimali żgħar u b'hekk iżommu l-bilanċ fil-fawna ta' dan l-ambjent.

**Mingħajru dan l-ambjent anke aħna l-bnedmin nispiċċaw.**

Aqtgħu għaliex!


Xini tal-Ħamrija
Soil centipede
Victor Falzon


Ħanżir l-Art
Woodlouse
Desirée Falzon


Mqass
Earwig
Victor Falzon


Ħanex tal-Indewwa
Millipede
Guido Bonett

arti

# Agħtih kulur

## Merill
Blue Rock Thrush



Victor Falzon





X'int tagħmillu xaghrek Betty?!

Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħa nġibuhom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom imejl jew bil-posta*.

**imejl** il-huttafa@birdlifemalta.org
**indirizz** BirdLife Malta
57/28 Triq Abate Rigord
Ta' Xbiex XBX 1120

*Materjal li tibagħtu bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuh lura.



Debba tax-Xitan
Matthew Robinson (5)



Kamaleonti
Matthew Attard (6)

## Tielgħa t-tempra!




Victor Falzon

Il-fkieren tal-baħar kollha tad-dinja jbejtu l-istess. Jitilgħu fuq xatt ramli, iħaffru ħofra u jbidu fiha. Imbagħad jgħattuha u jerġgħu lura fil-baħar. Ix-xemx issaħħan ir-ramel, il-bajd isir u ż-żgħar ifaqqsu. Imma jekk il-baħar jitla' u jgħarraq ir-ramla, il-bajd jixxarrab u ma jfaqqasx.



# Ħbieb Falkuni

Il-passa tal-ħarifa issa battiet u ħafna mill-ispeċi t'għasafar li stajt tosserva fl-aħħar ġimgħat għaddew għall-Afrika. Issa jitfaċċaw dawk l-ispeċi li jiġu jqattgħu x-xitwa magħna.

Bħalissa faċli tara jew tisma' **pitirrossi** jew **sturnell** kull fejn tmur, u għandek issib xi **buċaqq tax-xitwa** jekk tmur passiġġata fil-kampanja. Ftit jiem oħra għandha tiżdied il-preżenza tal-**vjolin tax-xitwa**, iz-**zakak abjad** u l-**fjamma sewda**. Jekk tmorru f'ċerti naħat bis-siġar taċ-**ċipress** u ż-**żnuber** tafu tinzertaw speċi inqas komuni bħall-**bufula tal-qamar** u l-**bufula tax-xemx**.

Hemm xi 50 speċi ta' għasafar li jgħaddu x-xitwa f'Malta.

Nistidinkom ukoll tiġu żżuru r-riservi naturali tal-Għadira u Is-Simar fil-weekends minn dax-xahar sa Mejju. Minkejja li huma postijiet żgħar u żgur li uħud minnkom diġà mortu xi drabi, huma opportunità eċċellenti biex titgħallmu aktar fuq l-bijodiversità lokali u tosservaw kif in-natura tadatta u tinbidel mal-istaġuni. Hemmhekk kważi biċ-ċert taraw għasafar oħrajn li jħobbu jkunu hawn għax-xitwa, bħall-**blonġun sekond** u l-**blonġun żgħir**.

Narakom.

*Tim*

**Timothy Micallef**
Kordinatur Falko



**bufula tal-qamar**
goldcrest

Il-bufula tal-qamar hija waħda mill-iżgħar għasafar li jiġu Malta.

# Ġurnata Kemmuna

Ian Balzan



**Kemmuna hija Santwarju tal-Għasafar fejn kaċċa u nsib ma jistgħux isiru.**

Nhar il-**Ħadd 16 Novembru 2014** ejjew magħna sa Kemmuna biex tgawdu n-natura u l-għasafar f'post kemmxejn iżolat. Nimxu fil-mogħdijiet sbieħ max-xagħri, il-bajjiet u l-irdumijiet ta' din il-gżira. Ħa jkollna wkoll ċans (jekk it-temp jippermetti) nosservaw ftit **bird ringing** fl-osservatorju li għandha l-BirdLife f'Wied l-Aħmar. Naslu lura Malta xi 4pm.

**Niltaqgħu:** Iċ-Ċirkewwa (fejn il-kjosk) fis-7am
**Ġibu:** żarbun tajjeb għall-mixi, tromba, kamera, ikel u xorb

Jekk tagħmlu ħsieb li tiġu infurmawna minn qabel. Dettalji hawn taħt.

Sibna fuq **Facebook** (fittex **Falko BirdLife Malta**)
Ittawlilha spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet.

**Dejjem** infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Ċempel lil Tim (**79071796**) **jew** lil Nick (**99809190**) **jew** ibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com** **jew** ħallilna messaġġ fuq **Facebook**.

# Iċ-ċita tal-insetti!

Victor Falzon



Inlaqqgħukom maċ-**Ċiċindela**, l-iktar insett żvelt fid-dinja.

Iċ-Ċiċindela hija insett mill-familja kbira tal-ħanfus. Tingħaraf mid-disinn fuq daharha u minn dawk l-għajnejn imqabbżin u xedaq kbir. Miskina, li kellha tidħol għal konkors tal-ġmiel probabbli tiġi l-aħħar. Imma aħna n-naturalisti naraw il-ġmiel u l-interess f'kull ħaġa ħajja, u ċ-Ċiċindela għandha tagħha wkoll. Fost il-miljuni ta' speċi ta' insetti fid-dinja, dawn il-ħanfus huma l-iktar insetti li jiġru. Forsi ma tirbaħx konkors tal-ġmiel, imma fi *flat race* iċ-Ċiċindela tidħol l-ewwel żgur.

Bl-Ingliż dawn il-ħanfus jgħidulhom *tiger beetles* għax huma predaturi ta' insetti oħrajn. Bil-Malti nistgħu nsejħulhom Ċiċindela għax l-isem xjentifiku tal-grupp tagħhom huwa **Cicindelidae**

L-ispeċi li tidher fir-ritratt hija *Myriochile melancholica* u probabbli hija l-unika speċi li għadha teżisti f'pajjiżna.

Grazzi lill-ħabib tagħna David Mifsud li għarfilna l-ispeċi.

Iċ-Ċiċindela tiġri xi 9km fis-siegħa.

Iss, Usain Bolt iċ-ċampjin tad-dinja fil-ġiri jtella' 44km fis-siegħa.

Iss grazzi, imma tinsiex kemm iċ-Ċiċindela hi iżgħar minn bniedem. Daqs b'daqs, biex ilaħħaq magħha, Usain Bolt **ikollu jiġri 800km fis-siegħa**.



**800km fis-siegħa!** Mela ħsibtuni rokit spazjali jew?



Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Għajn Barrani



F'din il-ħarġa jmiss li nagħtu titwila lejn Għajn Barrani, post daqsxejn remot li forsi ħafna minnkom għadkom qatt ma żortu. Għajn Barrani jinstab fuq il-kosta tal-grigal ta' Għawdex. Tista' tasal għalih jew mix-Xagħra jew b'mixja sabiħa li titlaq mir-Ramla u ddur max-xatt tul mogħdija daqsxejn dejqa – jekk tmorru fix-xitwa attenti però għax wara xi ħalba xita t-tafal li hemm f'dawn l-inħawi jkun jiżloq.

L-ewwel ħaġa li tolqot l-għajn f'Għajn Barrani hija l-pajsaġġ spettakolari, b' kuntrasti ta' kuluri bejn l-aħdar tal-ħaxix, il-blu tal-baħar u l-ilwien tal-blat li jvarjaw minn kważi abjad għal kannella u safrani. Mhux ta' b'xejn li spiss jintużaw ritratti ta' Għajn Barrani bħala riklam għal Għawdex! F'Għajn Barrani nsibu taħlita interessanti ħafna ta' [1]ġeoloġija, [2]ġeomorfoloġija u [3]ekoloġija.




**Is-saffi tal-blat Malti.** Is-saff ta' taħt huwa l-eqdem u ta' fuq l-aktar riċenti.

## ĠEOLOĠIJA

Il-ġeologija ta' dan il-post hija partikolari għax insibu taħlit ta' blat, inkluż il-**Qawwi ta' Fuq**, il-**Ġebla s-Safr**a u t-**Tafal**. Dawn huma s-saffi ta' blat Malti li huma l-inqas antiki.

Għalkemm saff wieħed, il-Qawwi ta' Fuq mhuwiex l-istess kullimkien. Per eżempju jekk tħarsu lejn ir-ritratt sabiħ ta' Għajn Barrani f'dil-paġna, taraw li fih blat bajdani kif ukoll blat safrani u anke ħamrani. Is-sies tax-xellug huwa kollu Qawwi ta' Fuq, imma isfel max-xatt u anke fil-baħar hemm ħaġriet li tgerrbu mill-istess saff!

## ĠEOMORFOLOĠIJA

Mil-aspett ta' ġeomorfoloġija, hemm ħafna elementi ta' interess. Insibu per eżempju l-Wied tal-Pergla li jipprovdi materjal li ftit ftit isibu ruħu fil-bajja tar-Ramla. Insibu anke diversi rdumijiet, għoljiet miksijin bit-tafal, u għejun tal-ilma ħelu. L-għejun b'mod speċjali huma ħabitat prezzjuż għax rari fil-Gżejjer Maltin.

**Fejn qiegħed?**

Għajn Barrani qiegħed max-xatt fil-grigal ta' Għawdex, bejn il-Bajja tar-Ramla u l-Bajja ta' Marsalforn.

## EKOLOĠIJA

Huwa preċiżament minħabba l-ġeomorfoloġija u l-ġeoloġija li Għajn Barrani huwa importanti għal ħafna speċi ta' pjanti. Fil-fatt, barra li huwa sit Natura 2000,



Victor Falzon

**Simar Niggież** Sharp Rush *Juncus acutus*





Joe Sultana




Victor Falzon

Natura 2000 hija sensiela ta' postijiet madwar l-Ewropa fejn in-natura hija protetta. Hemm iktar minn **27,300** sit Natura 2000, u **39** minnhom qegħdin f'Malta.

dal-post huwa wkoll skedat bħala post ta' importanza ekoloġika. L-għejun, per eżempju, huma sors ta' ilma ħelu importanti immens fl-ambjent xi ftit jew wisq niexef ta' pajjiżna, u t-tafal iżomm l-ambjent umdu wkoll. L-irdumijiet huma pjuttost inaċċessibli u għalhekk jipprovdu refuġju għal ħafna speċi li f'imkejjen oħrajn intlaħqu mill-bniedem jew mill-mogħoż tiegħu.

Insibu diversi siġar ta interess bħal per eżempju l-**virgi**, pjanta indiġena u rari mhux ħażin li tagħmel fjuri vjola sbieħ immens. Insibu wkoll is-**siġra tal-bruk**, li għalkemm ġieli narawha f'postijiet mal-kosta, hija wkoll meqjusa mhedda. Insibu wkoll pjanti iżgħar ta' valur ekoloġiku, bħas-**simar niġġież** li huwa rari ħafna f'pajjiżna, u pjanti endemiċi bħall-**ġiżi ta' Malta**, ix-**xebb** u t-**tengħud tax-xagħri**. Hemm ukoll speċi oħrajn li, għalkemm mhux endemiċi għal kollox huma ristretti għal Malta u ftit postijiet oħra. Per eżempju hemm varjetà ta' **bjanka** li tinstab biss fil-Gżejjer Maltin u fuq Lampedusa u Lampione. Fost l-għasafar li jbejtu f'Għajn Barrani nsibu l-**merill** u l-**bilbla**.

Lampedusa u Lampione huma żewġ gżejjer żgħar Taljani li qegħdin fil-punent ta' Malta.



Nistgħu nsemmu lista ħafna itwal ta' speċi li nsibu f'Għajn Barrani, imma jkollna bżonn ħafna iktar faċċati, għax Għajn Barrani għandu [4]bijodiversità kbira. Barra minn hekk ġie wkoll skedat bħala Post ta' Valur Pajsaġġistiku Għoli, titlu li tassew jistħoqqlu minħabba l-ġmiel ta' veduti. .

---

[1]**ġeoloġija.** L-istudju tal-blat u kif ifforma
[2]**ġeomorfoloġija.** L-istudju ta' kif l-elementi, iż-żmien u l-forzi tan-natura ħallew effett fuq il-blat u ffurmaw per eżempju widien, għoljiet, għerien, muntanji, bajjiet, eċċ.
[3]**ekoloġija.** L-istudju tal-ħajja naturali, kif il-pjanti u l-annimali jiddependu minn xulxin, u kif jgħixu fl-ambjent naturali tagħhom.
[4]**bijodiversità**. Varjetà ta' ħajja.

Aron Tanti



**Virgi** Chaste-tree *Vitex agnus-castus*



Nicholas Galea

**Merill** Blue Rock Thrush *Monticola solitarius*

# Tridu dal-ktieb?






Idħol membru jew ġedded sena oħra fi **Klabb Ħuttaf**

u jkun tiegħek!